

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.4706 — Superior Essex/Invex)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 143/09)

1. Fil-21 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Superior Essex Inc., ("Superior Essex", ta' l-Istati Uniti) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1) (b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll sħiħ ta' l-impriża Invex S.p.A. ("Invex", ta' l-Italja), permezz ta' l-akkwist ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għal Superior Essex: il-manifattura u l-forniment ta' diversi tipi ta' *cables* u *wires* għall-użu fit-telekommunikazzjoni, kif ukoll ta' *winding wires* u l-kisi tagħhom;

— għal Invex: il-manifattura u l-forniment ta' *winding wires*.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni notifikata tista' tiġi kkunsidrata fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4706 — Superior Essex/Invex, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Bruxelles/Brussel

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.